The Holy See

*MESSAĠĠ TAL-QDUSIJA TIEGĦU L-PAPA*
*BENEDITTU XVI*
*LIŻ-ŻGĦAŻAGĦ TAD-DINJA*
*FL-OKKAŻŻJONI*
*TAT-23 JUM DINJI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ, 2008*

*"Intom ikollkom il-**qawwa**, meta jiġi l-**Ispirtu s-Santu** fuqkom,*
*u tkunu **xhud** tiegħi"* (*Atti* 1:8)

*Għeżież Żgħażagħ Ħbieb tiegħi!*

1. *It-23 Jum Dinji taż-Żgħażagħ.*

Jien dejjem niftakar b'ferħ kbir l-okkażżjonijiet diversi li għaddejna flimkien f'Cologne f'Awissu 2005. Fi tmiem dik il-wirja li ma nistgħux ninsew, ta' fidi u ta' entużjażmu, li tibqa' mnaqqxa fl-Ispirtu tiegħi u f'qalbi, jien għamilt appuntament magħkom għal-laqgħa li jmiss li ser issir f'Sydney fl-2008. Din ser tkun it-23 Jum Dinji taż-Żgħażagħ u t-tema ser tkun: *"Intom ikollkom il-**qawwa**, meta jiġi l-**Ispirtu s-Santu** fuqkom, u tkunu **xhud** tiegħi"* (*Atti* 1:8). It-tema li twassal għat-thejjija spiritwali għal-laqgħa ta' Sydney hija l-Ispirtu s-Santu u l-missjoni. Fl-2006, aħna kkonċentrajna l-attenzjoni tagħna fuq l-Ispirtu s-Santu bħala *l-Ispirtu tal-Verità*. Issa fl-2007 qegħdin infittxu li nagħrfuh aktar fil-fond bħala l-Ispirtu tal-imħabba biex nimxu mbagħad lejn il-Jum Dinji taż-Żgħażagħ 2008 waqt li nirriflettu fuq l-Ispirtu tal-qawwa u tax-xhieda li jagħtina l-kuraġġ li ngħixu l-Evanġelju u nxandruh bla biża'. Għalhekk huwa importanti ħafna li kull wieħed u waħda minnkom għeżież żgħażagħ fil-komunitajiet tagħkom, u flimkien ma' dawk responsabli għall-edukazzjoni tagħkom – tkunu kapaċi tirriflettu fuq dan il-Protagonista ta' l-istorja tas-salvazzjoni, li hu l-Ispirtu s-Santu jew l-Ispirtu ta' Ġesù biex tilħqu dawn l-iskopijiet għoljin: li tagħrfu l-identità vera ta' l-Ispirtu, prinċipalment billi tisimgħu l-Kelma ta' Alla fir-Rivelazzjoni tal-Bibbja, biex issiru konxji b'mod sħiħ tal-preżenza kontinwa u attiva tiegħu fil-ħajja tal-knisja, speċjalment waqt li tagħraf mill-ġdid illi l-Ispirtu Qaddis huwa "r-ruħ", in-nifs vitali tal-ħajja proprja nisranija, permezz tas-sagramenti tal-bidu tal-ħajja nisranija – Magħmudija, Konfermazzjoni u l-Ewkaristija; u hekk issir kapaċi timmatura fl-

għarfien ta' Ġesù, dejjem aktar profond u ferrieħi u fl-istess ħin tqiegħed l-Evanġelju fil-prattika, fil-bidu tat-tielet millennju. F'dan il-messaġġ, jien bil-ferħ qed noffrilkom skema ta' meditazzjoni li intom tistgħu tesploraw matul din is-sena ta' tħejjija. B'dan il-mod intom tistgħu teżaminaw il-kwalita' ta' fidi tagħkom fl-Ispirtu s-Santu, terġgħu ssibuha mill-ġdid jekk tliftuha, issaħħuha jekk iddgħajfet, tiggustawha bħala sieħba tal-Missier u ta' l-Iben Ġesù Kristu, grazzi għall-ħidma indispensabli ta' l-Ispirtu s-Santu. Tinsew qatt li l-Knisja, anzi l-umanità nfisha, dawk kollha li qegħdin madwarkom u li qed jistennewkom fil-ġejjieni tagħkom, jistennew ħafna minn għandkom għeżież żgħażagħ, għax fikom għandkom id-don suprem tal-Missier, l-Ispirtu ta' Ġesù.

2. *Il-wegħda ta' l-Ispirtu s-Santu fil-Bibbja*

Is-smigħ bl-attenzjoni tal-Kelma ta' Alla, rigward il-misteru u l-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu jiftħilna għarfien kbir u qawwi li jiena ser nurikom fil-punti li ġejjin. Ftit qabel ma Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: "U, ara, jien nibagħtilkom dak li wegħdkom Missieri" (*Lq.* 24,49). Dan ġara fil-jum ta' l-Għid il-Ħamsin meta kienu jitolbu flimkien fiċ-Ċenaklu (fil-Kamra ta' Fuq) flimkien mal-Verġni Marija. L-inżul ta' l-Ispirtu s-Santu fuq il-Knisja fil-bidu tagħha kien it-twettiq ta' wegħda ta' Alla, magħmula ħafna żmien qabel, imħabbra u mħejjija matul it-Testment il-Qadim.

Infatti sa mill-ewwel paġni, il-Bibbja tippreżenta l-Ispirtu ta' Alla bħala riħ "li jittajjar fuq wiċċ l-ilma" (cf. *Ġen.* 1,2) u tgħid li Alla *nefaħ* f'imnifsejn il-bniedem in-nifs tal-ħajja (cf. *Ġen.* 2,7), b'hekk tah il-ħajja stess. Wara d-dnub oriġinali l-Ispirtu li jagħti l-ħajja ta' Alla jissemma diversi drabi fl-istorja tal-bnedmin, kien isejjaħ il-profeti biex iħeġġu l-poplu magħżul biex jerġa' lura lejn Alla u biex josserva fedelment il-kmandamenti. Fid-dehra magħrufa ħafna tal-profeta Eżekjel, Alla bl-Ispirtu tiegħu jagħti l-ħajja mill-ġdid lill-poplu ta' Iżrael, rappreżentant mill-"għadam niexef" (cf. 37:1-14). Ġoel iprofetizza t-"tiswib sħiħ ta' l-Ispirtu" fuq il-poplu kollu, b'mod li ma jħalli barra lil ħadd. L-awtur sagru kiteb: "U jiġri wara dan li nsawwab minn ruħi fuq kull ħaj. U fuq l-ilsiera u l-qaddejja wkoll, insawwab f'dawk il-jiem minn ruħi (3:1-2).

Fil-"milja taż-żmien" (cf. *Gal.* 4:4), l-anġlu tal-Mulej ħabbar lill-Verġni Marija ta' Nazareth li "l-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek, u l-qawwa ta' l-Ogħla tgħattik, għalhekk dak li jitwieled ikun qaddis, jissejjaħ Bin Alla (cf. *Lq.* 1:35). Fil-kliem tal-profeta Isaija, il-Messija jkun il-wieħed li fuqu l-Ispirtu tal-Mulej jistrieħ (cf. 11:1-2; 42:1). Din il-profezija Ġesu' semmiha fil-bidu tal-ministeru pubbliku tiegħu fis-sinagoga ta' Nazareth. Fost l-għaġeb ta' dawk preżenti, huwa qal: "L-Ispirtu tal-Mulej fuqi, għaliex Hu wettaqni; biex inwassal il-bxara t-tajba 'l-imsieken bagħatni, biex inħabbar lill-imjassrin il-ħelsien, lill-għomja d-dawl; biex nibgħat il-maħqurin meħlusa; biex inxandar is-sena tal-ħniena ta' Alla" (*Lq.* 4:18-19, cf. *Iż.* 61:1-2). Waqt li indirizza lil dawk li kienu jisimgħuh, huwa rrefera dak il-kliem profetiku għalih innisfsu billi qal: "Illum seħħet din il-kitba li smajtu" (*Lq.* 4:21). Ukoll, qabel il-mewt tiegħu fuq is-salib, huwa qal lid-dixxipli tiegħu diversi drabi dwar il-miġja ta' l-Ispirtu s-Santu, "Avukat", li l-missjoni tiegħu tkun li jagħti xiehda lilu u lil dawk li jemmnu billi jgħallimhom u jwassalhom għall-milja tal-Verità (cf. *Gw.* 14:16-17).

3. *Għid il-Ħamsin, il-punt tat-tluq tal-Missjoni tal-Knisja*

Fil-għaxija tal-jum li fih qam mill-mewt, Ġesù waqt li deher lid-dixxipli, nefaħ fuqhom u qalilhom: "Ħudu l-Ispirtu s-Santu" (*Gw*. 20:22). Hekk ukoll, b'aktar qawwa, l-Ispirtu s-Santu niżel fuq l-Appostli fil-jum ta' l-Għid il-Ħamsin "U minnufih instama' ħoss ġej mis-sema bħal ta' riħ qawwi, u mela d-dar kollha fejn kienu qegħdin. U deherulhom ilsna qishom tan-nar li tqassmu u qagħdu fuq kull wieħed minnhom" (*Atti* 2:2-3).

L-Ispirtu s-Santu *ġedded* l-Appostli *minn ġewwa*, imliehom bil-qawwa li tagħtihom kuraġġ biex joħorġu u *jxandru bla biża'* li "Kristu miet u rxoxta". Ħielsa minn kull biża', huma bdew jippriedkaw bil-miftuħ u bla biża' (cf. *Atti* 2:29). Dawn is-sajjieda li kienu mbeżżgħin, saru xandara qalbiena ta' l-Evanġelju. Ukoll l-istess għedewwa tagħhom ma setgħux jifhmu kif "nies bla għerf u bla tagħlim" (cf. *Atti* 4:13) setgħu juru daqshekk kuraġġ u jegħlbu diffikultajiet, tbatija u persekuzzjoni bil-ferħ. Xejn ma seta' jżommhom. Lil dawk li riedu jsikktuhom, huma weġbuhom: "aħna ma nistgħux ma nitkellmux fuq dak li rajna u smajna" (*Atti* 4:20). Hekk twieldet il-Knisja, u mill-jum ta' Pentekoste ma waqfitx ixxandar l-Aħbar it-Tajba "sa t-truf ta' l-art" (*Atti* 1:8).

4. *L-Ispirtu s-Santu, ir-ruħ tal-Knisja u prinċipju ta' komunjoni*

Jekk irridu nifhmu l-missjoni tal-Knisja, rridu mmorru lura lejn iċ-Ċenaklu fejn id-dixxipli baqgħu flimkien (cf. *Lq* 24:49), jitolbu ma' Marija, l-"Omm" jistennew l-Ispirtu li kien imwiegħed. Din l-ikona tal-Knisja li kienet qed titiwieled għandha tkun bidu kostanti ta' ispirazzjoni għal kull komunita' nisranija. Il-frott apostoliku u missjunarju mhux prinċipalment riżultat ta' programmi u metodu pastorali li huma maħduma bil-għaqal u "effiċjenti", iżda frott tat-talb kostanti tal-komunità (cfr. Pawlu VI, Eżort. Apost. *Evangelii Nuntiandi*, 75). L-effikaċja tal-missjoni tippresupponi ukoll li l-komunitajiet ikunu magħqudin, jiġifieri li għandhom ikunu qalb u ruħ waħda (cf. *Atti* 4:32) u li għandhom ikunu lesti li jixhdu għall-imħabba u l-ferħ li l-Ispirtu s-Santu jferra' fil-qlub tal-fidili (cf. *Atti* 2:42). Il-Qaddej ta' Alla, Gwanni Pawlu II, kiteb li wkoll qabel ma ssir azzjoni, il-missjoni tal-knisja hija li tagħti xiehda u tgħin b'mod li tiddi lill-oħrajn (cf. *Redemptoris Missio*, 26). Hekk kien isir fil-bidu tal-Kristjaneżmu, meta l-pagani, kiteb Tertulljanu, kienu jikkonvertu meta jaraw l-imħabba li kienet issaltan bejn l-insara: "Ara" – jgħidu – "kemm jinħabbu bejniethom" (cfr. *Apologia*, 39 par.7).

Waqt li ntemmu din il-ħarsa qasira tal-Kelma ta' Alla fil-Bibbja, jien nistedinkom biex tosservaw kif l-Ispirtu s-Santu huwa l-ogħla don ta' Alla lill-bnedmin u għalhekk ix-xiehda suprema ta' l-imħabba tiegħu lejna, imħabba li hi speċifikament espressa bħala l-"iva għall-ħajja" li Alla jrid għal kull kreatura tiegħu. Din l-"iva għall-ħajja" issib il-milja tagħha f'Ġesù ta' Nazareth u fir-rebħa tiegħu fuq il-ħażen permezz tal-fidwa. F'dan ir-rigward inqisu li qatt ma ninsew li l-Evanġelju ta' Ġesù, preċiżament minħabba l-Ispirtu, ma jistax ikun ridott għal stat ta' fatti, imma jrid isir "aħbar sabiħa għall-foqra, ħelsien għall-ħabsin u dawl għall-għomja". U dan deher b'qawwa kbira fil-jum tal-Pentekoste, hekk kif saret il-grazzja u l-ħidma tal-Knisja fid-dinja bħala missjoni ewlenija tagħha.

Aħna l-frott ta' din il-missjoni tal-Knisja permezz tal-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu. Aħna nġorru ġewwa fina dak is-siġill ta' l-imħabba tal-missier f'Ġesù Kristu li hu l-Ispirtu s-Santu. Ma ninsewh qatt dan, għaliex l-Ispirtu tal-Mulej dejjem jiftakar kull individwu u jixtieq, speċifikament permezz tagħkom, żgħażagħ li tqajmu fid-dinja r-riħ tan-nar ta' Pentekoste ġdida.

5. *L-Ispirtu s-Santu: "Għalliem interjuri".*

Għeżież żgħażagħ, illum ukoll l-Ispirtu s-Santu jkompli jaħdem bil-qawwa fil-Knisja u l-frott ta' l-Ispirtu huwa abundanti fil-qies li aħna disposti li ninfetħu għall-qawwa tiegħu li ġġeddidna. Dwar dan huwa importanti li kull wieħed minna nagħrfuh, u nidħlu f'rapport miegħu u nħalluh jiggwidana. Iżda dwar dan il-punt tqum naturalment domanda: min hu għalija l-Ispirtu s-Santu? Infatti mhux ftit huma l-insara li għalihom Huwa jkompli jkun "il-kbir mhux magħruf". Dan hu għaliex, li kif aħna qed inħejju għall-Jum Dinji taż-Żgħażagħ li jmiss, jien ridt li nistedinkom biex tiġu biex issiru tafu l-Ispirtu s-Santu iżjed fil-fond, f'livell personali. Fl-istqarrija tal-fidi tagħna, aħna nxandru: "Jiena nemmen fl-Ispirtu s-Santu, il-Mulej li jagħti l-ħajja, li jipproċedi mill-Missier u mill-Iben" (Kredu ta' Nicea-Konstantinopli). Iva, l-Ispirtu s-Santu, l-Ispirtu tal-imħabba tal-Missier u ta' l-Iben, huwa l-Għajn tal-ħajja li tagħmilna qaddisa, "għaliex l-imħabba ta' Alla msawba fi qlubna bl-Ispirtu s-Santu li hu mogħti lilna" (*Rum* 5:5). B'danakollu, mhux biżżejjed li nsiru nafuh; hemm bżonn li naċċettawh bħala gwida ta' ruħna bħala l-Għalliem tal-ħajja interjuri, li jintroduċina fil-misteru trinitarju għax Hu biss jista' jiftħilna għall-fidi u jħallina ngħixuha kull jum fil-milja tagħha. L-Ispirtu li jimbuttana lejn l-oħrajn, li jqabbad fina n-nar ta' l-imħabba, u jagħmilna missjunarji ta' l-imħabba ta' Alla.

Jien naf sewwa kemm intom iż-żgħażagħ għandkom f'qalbkom apprezzament u mħabba kbira għal Ġesù u li tixtiequ tiltaqgħu miegħu u titkellmu miegħu. Tassew iftakru li hija preċiżament il-preżenza ta' l-Ispirtu ġewwa fina li ssaħħaħ, tikkostitwixxi u tibni l-persuna tagħna fuq il-persuna vera ta' Ġesù msallab u rxuxtat. Għalhekk ejjew insiru familjari ma' l-Ispirtu biex insiru familjari ma' Ġesù.

6. *Is-Sagramenti tal-Konfirmazzjoni u ta' l-Ewkaristija*

Imma – tgħidu – kif nistgħu nħallu lilna nfusna niġġeddu mill-Ispirtu s-Santu u nikbru fil-ħajja spiritwali? It-tweġiba – intom tafu – u tistgħu permezz tas-Sagramenti, għaliex il-fidi titwieled u tissaħħaħ fina, grazzi għas-Sagramenti. Fuq kollox għal dawk fil-bidu tal-ħajja nisranija, il-Magħmudija, il-Konfirmazzjoni u l-Ewkaristija li huma komplimentarji u inseparabli (cf. *Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, 1285). Din il-verita li tikkonċerna t-tliet sagramenti li jagħtu bidu lil ħajjitna bħala nsara hija forsi traskurata fil-ħajja tal-fidi ta' ħafna Nsara. Huma jħarsu lejhom bħala ġrajjiet li saru fl-imgħoddi li ma għandhom l-ebda tifsira reali għal-lum, bħala għeruq li jonqoshom kultivazzjoni li tagħti l-ħajja. Jiġri li ħafna żgħażagħ jitbiegħdu mill-ħajja tagħhom ta' fidi wara li jkunu rċevew il-Konfirmazzjoni. Hemm ukoll żgħażagħ li għadhom ma rċevewx dan is-sagrament. Madankollu permezz tas-sagramenti tal-Magħmudija, Konfirmazzjoni u mbagħad inkomplu dwar l-Ewkaristija, li l-Ispirtu s-Santu jagħmilna wlied il-Missier, aħwa rġiel u nisa ta' Ġesù, membri tal-

Knisja tiegħu, kapaċi li nkunu xhieda għall-Evanġelju u kapaċi li nduqu l-hena tal-fidi.

Jien għalhekk nistedinkom li tirriflettu fuq dak li qed niktbilkom. Illum huwa partikularment neċessarju li niskopru mill-ġdid is-sagrament tal-Konfirmazzjoni u l-post importanti tiegħu fil-ħajja spiritwali tagħna. Dawk li irċevew is-sagramenti tal-Magħmudija u tal-Konfirmazzjoni għandhom jiftakru li huma saru "tempji ta' l-Ispirtu": Alla jgħix fihom. Kunu dejjem attenti dwar dan u ħabirku biex tħallu t-teżor ġo fikom biex jagħti frott ta' qdusija. Dawk li huma mgħammdin u għadhom ma rċevewx is-sagrament tal-Konfirmazzjoni, ippreparaw li tirċevuh, waqt li tkunu tafu li b'dan il-mod intom issiru Nsara "kompleti" billi l-Konfirmazzjoni tipperfezzjona l-grazzja tal-magħmudija (cf. *Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, 1302-1304).

Il-Konfirmazzjoni tagħtina qawwa speċjali biex nagħtu xiehda u glorja lil Alla bil-ħajja kollha tagħna (cf. *Rum*. 12:1). Hija tagħmilna konxji intimament li aħna tal-knisja, il-Ġisem ta' Kristu, li tiegħu aħna lkoll membri ħajjin, f'solidarjetà ma' xulxin (cf. *1Kor*. 12:12-25) waqt li jħallu lilhom infushom immexxija mill-Ispirtu, kull persuna mgħammda tista' tagħti l-kotribut tiegħu jew tagħha għall-bini tal-Knisja mħabba l-*kariżmi* mogħtija mill-Ispirtu għaliex "*lil kull wieħed mogħtija r-rivelazzjoni ta' l-Ispirtu għall-ġid ta' kulħadd* " (*1Kor*. 12:7). Meta l-Ispirtu jaġixxi, huwa jwassal il-frott tiegħu lir-ruħ, li huma "mħabba, ferħ, sliem, sabar, ħniena, tjubija, fidi, ħlewwa, rażna" (*Gal*. 5:22). Lil dawk fostkom li għadhom ma rċevewx is-sagrament tal-Konfirmazzjoni, jien inwasslilkom stedina minn qalbi biex iħejju biex jirċievu dan is-sagrament u jfittxu l-għajnuna mis-saċerdoti tagħkom. Hija okkażjoni speċjali ta' grazzja li l-Mulej qed joffrilkom. Titilfux din l-okkażżjoni.

Nixtieq inżid kelma dwar l-Ewkaristija. Biex nikbru fil-ħajja Nisranija tagħna, aħna għandna bżonn li nirċievu l-Ġisem u d-Demm ta' Kristu, infatti aħna mgħammdin u ikkonfermati 'in vista' ta' l-Ewkaristija (cfr. CCC.1322 Eżort. Apost. *Sacramentum Caritatis*, 17). "Għajn u quċċata" tal-ħajja tal-Knisja, l-Ewkaristija hija "Pentekoste perpetwa", billi kull darba li niċċelebraw il-quddiesa, nirċievu l-Ispirtu s-Santu li jgħaqqadna iżjed fil-fond ma' Kristu u jbiddilna fih. Jekk, għeżież żgħażagħ, nipparteċipaw ta' spiss fiċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika, jekk tiddedikaw ftit mill-ħin tagħkom għall-adorazzjoni tas-Sagrament Imqaddes, l-Għajn ta' l-Imħabba li hija l-Ewkaristija, intom takkwistaw dik id-determinazzjoni ferrieħa li tiddedikaw il-ħajja tagħkom biex issegwu l-Evanġelju. Fl-istess ħin tkun l-esperjenza tagħkom li kull meta s-saħħa tagħna ma tkunx biżżejjed, huwa l-Ispirtu s-Santu li jbiddilna, jimliena bil-qawwa tiegħu u jagħmilna xiehda mimlija bil-ħerqa missjunarja ta' Kristu rxoxt.

7. *Il-ħtieġa u l-urġenza tal-missjoni*

Ħafna żgħażagħ iħarsu lejn ħajjithom bil-biża' u jagħmlu ħafna mistoqsijiet dwar il-futur tagħhom. Huma jħossuhom imħassba u jistaqsu: kif ser ngħixu f'dinja mmarkata minn ħafna inġustizzji gravi u minn daqshekk tbatija? Kif ser nirreaġixxu għall-egoiżmu u l-vjolenza li xi drabi jidhru li jirnexxu? Kif nistgħu nagħtu tifsira sħiħa tal-ħajja? Kif nistgħu ngħinu biex il-frott ta' l-Ispirtu s-Santu li fakkarna aktar 'il fuq, "mħabba, ferħ, sliem, sabar, ħniena, tjubija, fidi, ħlewwa, rażna" (n. 6), jistgħu

jimlew din id-dinja miġruħa u dgħajfa, id-dinja taż-żgħażagħ fuq kollox? B'liema kondizzjonijiet l-Ispirtu li jagħti l-ħajja ta' l-ewwel ħolqien u fuq kollox tat-tieni ħolqien jew fidwa jsiru r-ruħ ġdida ta' l-umanità? Ejjew ma ninsewx li aktar kbir id-don ta' Alla u d-don ta' l-Ispirtu ta' Ġesù huwa l-akbar wieħed fosthom kollha – daqshekk akbar huwa l-bżonn tad-dinja li tirċevih u għalhekk akbar u aktar eċċitanti hija l-missjoni tal-Knisja li tkun xiehda kredibbli għaliha. Intom żgħażagħ, permezz tal-Jum Dinji taż-Żgħażagħ, qegħdin turu b'dan il-mod ix-xewqa li tipparteċipaw f'din il-missjoni. F'dan ir-rigward għeżież żgħażagħ ħbieb tiegħi, jien irrid infakkarkom hawn, xi veritajiet prinċipali fuqiex timmeditaw. Għal darba oħra nirrepeti li Kristu biss jista' jwettaq l-aspirazzjonijiet l-aktar intimi li huma fil-qalb ta' kull persuna. Kristu biss jista' jumanizza l-umanità u jwassalha għad-"divinazzjoni" tagħha. Permezz tal-qawwa ta' l-Ispirtu tiegħu huwa jnissel fina l-imħabba divina li tagħmilna kapaċi li nħobbu l-proxxmu u nkunu pronti li nservu. L-Ispirtu S-Santu jdawwalna, jirrivelalna lil Kristu msallab u rxuxtat u jurina kif nistgħu nsiru aktar nixbħuh biex hekk inkunu nistgħu nsiru "xbiha u l-instrument ta' l-imħabba li tfur minn Kristu" (*Deus Caritas Est*, 33). Dawk li jħallu lilhom infushom immexxija mill-Ispirtu jifhmu li tqiegħed lilek innifsek fis-servizz ta' l-Evanġelju, mhix xi ħaġa żejda li tista' tagħżilha jew le, għaliex jagħrfu l-urġenza li jwasslu l-Aħbar it-Tajba lill-oħrajn. Madankollu għandna bżonn minn ifakkarna mill-ġdid li aħna nistgħu nkunu xiehda ta' Kristu biss jekk inħallu lilna nfusna mmexxija mill-Ispirtu s-Santu li hu "l-aġent prinċipali tal-missjoni" (cf. *Redemptoris Missio*, 21). Għeżież żgħażagħ ħbieb tiegħi, bħalma l-prediċessuri venerabbli tiegħi Pawlu VI u Ġwanni Pawlu II qalu f'diversi okkażjonijiet, li xxandar l-Evanġelju u tagħti xiehda lill-fidi, hija aktar meħtieġa llum minn qatt qabel (cf. *Redemptoris Misso*, 1). Hemm dawk li jaħsbu li tippreżenta t-teżor prezzjuż tal-fidi lill-popli li ma jaqblux, tfisser li tkun intolleranti lejhom, imma dan mhux il-każ, għaliex li tippreżenta lil Kristu ma tfissirx li timponih (cf. *Evangelii Nuntiandi*, 80). Aktar minn hekk, elfejn sena ilu, tnax-il Appostlu taw ħajjithom biex Kristu jkun magħruf u maħbub. Matul is-sekli, minn dak iż-żmien l-Evanġelju kompla jixtered permezz ta' rġiel u nisa, ispirati bl-istess fervur missjunarju. Illum ukoll hemm il-ħtieġa għal dixxipli ta' Kristu li jagħtu mingħajr ma jegħjew mill-ħin tagħhom u mill-enerġija tagħhom biex jaqdu l-Evanġelju.

Hemm il-bżonn għal żgħażagħ li jħallu l-imħabba ta' Alla li tħeġġeġ fihom u li jwieġbu ġenerożament għas-sejħa urġenti tiegħu bħalma ħafna żgħażagħ beati u qaddisin għamlu fl-imgħoddi kif ukoll fi żminijiet aktar reċenti. B'mod partikulari jiena nassigurakom li l-Ispirtu ta' Ġesù llum qed jistedinkom, lilkom żgħażagħ li nkunu messaġġiera ta' l-aħbar it-tajba ta' Ġesù lil dawk ta' żmienkom. Id-diffikulta li bla dubju l-adulti jsibu meta jersqu lejn id-dinja taż-żgħażagħ b'mod li jiftiehem u jikkonvinċi, jista' jkun sinjal li bih l-Ispirtu qiegħed iwassal lilkom żgħażagħ li tieħdu dan ix-xogħol intom stess. Intom tafu l-ideali, il-lingwa, u wkoll il-feriti, l-istennija u fl-istess ħin ix-xewqa għat-tjubija li jħossu n-nies ta' żmienkom. Dan jiftaħ beraħ id-dinja kollha ta' emozjonijiet, xogħol, edukazzjoni, stennija u tbatija taż-żgħażagħ. Kull wieħed minnkom għandu jkollu l-kuraġġ li jwiegħed lill-Ispirtu s-Santu li intom iġġibu persuna waħda żagħżugħa lil Ġesù Kristu bil-mod li intom tikkunsidraw l-aħjar, waqt li tkunu tafu kif "twieġbu lil kull min jistaqsikom il-għala tat-tama li għandkom fikom, imma dejjem bil-ħlewwa u bil-ġieħ u b'kuxjenza tajba" (cf. *1Pietru* 3:15).

Biex tilħqu dan l-iskop, għeżież ħbieb tiegħi, għandkom tkunu qaddisa u missjunarji billi ma

nistgħux nifirdu l-*qdusija* mill-*missjoni* (cf. *Redemptoris Missio*, 90). Tibżgħux issiru missjunarji qaddisa bħal San Franġisk Saverju li vvjaġġa matul Ilvant Mbiegħed ixandar l-Aħbar it-Tajba sa l-aħħar uqija ta' saħħtu li uża, jew bħal Santa Tereża tal-Bambin Ġesù li kienet missjunarja għalkemm hi qatt ma ħarġet mill-Kunvent tal-Karmnu. Dawn it-tnejn huma "Patruni tal-missjonijiet". Kunu preparati li toffru ħajjitkom biex iddawlu d-dinja bil-verità ta' Kristu; li twieġbu bi mħabba għall-mibegħda u t-traskuraġni għall-ħajja, li xxandru t-tama ta' Kristu Rxoxt f'kull rokna tad-dinja.

8. *Is-sejħa ta' "Pentekoste ġdida" fuq id-dinja*

Għeżież żgħażagħ ħbieb tiegħi, jien nittama li nara ħafna u ħafna minnkom f'Sydney f' Lulju 2008. Din ser tkun opportunità ta' esperjenza fil-milja tal-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu. Ejjew f'numru kbir biex tkunu sinjal ta' tama u biex tagħtu sapport apprezzattiv lill-komunità tal-Knisja fl-Awstralja li qed thejji biex tilqagħkom. Għaż-żgħażagħ tal-pajjiż li ser jilqagħkom, din se tkun opportunità eċċezzjonali li jxandru s-sbuħija u l-ferħ ta' l-Evanġelju lil soċjetà li hija sekularizzata f'ħafna modi. L-Awstralja, bħall-Oċeanja kollha, għandha bżonn li tiskopri mill-ġdid l-għeruq insara tagħha. Fl-Eżortazzjoni Apostolika Post-Sinodali *Ecclesia in Oceania*, il-Papa Ġwanni Pawlu II kiteb "Permezz tal-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, il-Knisja fl-Oċeanja qed tipprepara għal evanġelizzazzjoni ġdida tal-popli li llum huma bil-ġuħ għall-Kristu. Evanġelizzazzjoni ġdida hija l-ewwel prijorità għall-Knisja fl-Oċeanja" (n. 18).

Jiena nistedinkom li tagħtu żmien għat-talb u għall-formazzjoni spiritwali tagħkom ma' tul dan l-aħħar stadju tal-vjaġġ li jwassal għat-XXIII Jum Dinji taż-Żgħażagħ, sabiex f'Sydney intom tkunu tistgħu ġġeddu l-wegħdiet li għamiltu fil-Magħmudija u fil-Konfirmazzjoni tagħkom. Flimkien ser insejħu l-Ispirtu s-Santu, bil-fiduċja nitolbu lil Alla għad-don ta' Pentekoste mġedda għall-Knisja u għall-umanità fit-tielet millennju.

Jalla Marija magħquda fit-talb ma' l-Appostli fiċ-Ċenaklu, takkumpanjakom ma' tul dawn ix-xhur u taqla' għaż-żgħażagħ Insara kollha nżul ġdid ta' l-Ispirtu s-Santu biex iħeġġeġ lil qalbhom. Iftakru li l-Knisja għandha fiduċja fikom! Aħna bħala Rgħajja, speċjalment nitolbu li intom tħobbu u twasslu oħrajn biex iħobbu lil Ġesù aktar u aktar u li intom issegwuh fedelment. B'dawn is-sentimenti jein inberikkom ilkoll bi mħabba profonda.

*Minn Lorenzago, 20 ta' Lulju 2007.*

**BENEDITTU PP. XVI**

Din it-traduzzjoni saret mill-Kan. Dun Karm Zammit

Copyright © Dicastero per la Comunicazione - Libreria Editrice Vaticana